31978R2580

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 2580/78

tal-31 ta' Ottubru 1978

li jestendi s-sena 1977/78 tal-*marketing* taż-żejt taż-żebbuġa, li jipprovdi għall-miżuri speċjali għal dan is-settur, u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 878/77 rigward ir-rati tal-kambju li għandhom ikunu applikati fl-agrikoltura

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill Nru 129 rigward il-valur tal-unità tal-kontijiet u r-rati tal-kambju li gandhom ikunu applikati għall-iskopijiet tal-istrateġija komuni agrikola ([1]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2543/73 ([2]), u partikolarment l-Artikolu 3 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill Nru 136/66/KEE tat-22 ta' Settembru 1966 rigward l-istebbeliment ta' organizzazzjoni komuni tal-*marketing* taż-żjut u x-xaħmijiet ([3]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1562/78 ([4]), u partikolarment l-Artikolu 36 tiegħu,

Wara li kkunsidra Regolament tal-Kunsill Nru 162/66/KEE tas-27 ta' Ottubru 1966 rigward il-kummerċ fiż-żjut u x-xaħmijiet bejn il-Komunità u l-Greċja ([5]), u partikolarment l-Artikolu 10 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Monetarju,

Billi permezz ta' l-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 136/66/KEE is-sena tal-*marketing* taż-żejt taż-żebbuġa li tibda fl-1 ta' Novembru ta' kull sena; billi Regolament (KEE) Nru 1562/78 emenda l-organizzazzjoni komuni tas-suq taż-żejt taż-żebbuġa mill-1 ta' Novembru 1978 f'diversi aspetti;

Billi mhux possibbli li jkunu adottati fil-ħin id-disposizzjonijiet kollha meħtieġa biex ikunu mplementati l-arranġamenti l-ġodda; billi is-sena tal-*marketing* 1977/78 għandha għalhekk tkun estiża għall-perjodu sterttament meħtieġ għall-adozzjoni ta' dawn id-disposizzjonijiet u l-implementazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1562/78 għandu jkun pospost kif meħtieġ;

Billi, matul il-perjodu estiż, is-sitwazzjoni li kienet teżisti f'Ottubru 1978 għandha tinżamm;

Billi sa kemm isseħħ l-implementazzjoni ta' l-arranġament il-ġodda rigward l-imposti tal-importazzjoni, trid tingħata l-possibiltà biex waqt il-perjodu estiż tinżamm is-sistema li jkunu ffissati l-imposti permezz ta' l-appalt, kif hemm provvediment dwar dan fir-Regolamenti (KEE) Nru 2843/76 ([6]) u (KEE) Nru 2844/76 ([7]), kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2361/77 ([8]);

Billi l-Artikolu 2a tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 878/77 tas-26 ta' April 1977 rigward ir-rati tal-kambju li għandhom ikunu applikati fl-agrikoltura ([9]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 976/78 ([10]), jaħseb fost affarijiet oħrajn biex ir-rati l-ġodda rappreżentattivi għall-muniti ta' l-Istati Membri għaż-żejt taż-żebbuġa għandhom ikunu applikati mill-bidu tas-sena tal-*marketing* 1978/79;

Billi, l-estensjoni tas-sena tal-*marketing*, bid-dewmien ta' l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati l-ġodda, jista' jkollha konsegwenzi ta' detriment għall-produtturi; billi, biex dan id-difett ikun rimedjat, għandu jkun ipprovdut li dawn ir-rati għandhom jidħlu fis-seħħ mill-1 ta' Novembru 1978,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 1562/78 id-data "1 ta' Novembru 1978" għandha tkun mibdula bil-"1 ta' Jannar 1979".

Artikolu 2

Bħala deroga mit-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 136/66/KEE, fil-każ taż-żejt taż-żebbuġa, s-sena tal-*marketing* għandha tintemm fil-31 ta' Diċembru 1978 u s-sena tal-*marketing* 1978/79 għandha tibda fl-1 ta' Jannar 1979.

Artikolu 3

Iż-żidiet meħtieġa ta' kull xahar applikabbli għall-Ottubru 1978 għandhom jibqgħu fis-seħħ matul il-perjodu li permezz tiegħu s-sena tal-*marketing* 1977/78 hi estiża.

([1]) ĠU C 106, tat-30.10.1962, p. 2553/62.
([2]) ĠU L 263, tad-19.9.1973, p. 1.
([3]) ĠU C 172, tat-30.9.1966, p. 3025/66.
([4]) ĠU L 185, tas-7.7.1978, p. 1.
([5]) ĠU C 197, tad-29.10.1966, p. 3393/66.
([6]) ĠU L 327, tas-26.11.1976, p. 4.
([7]) ĠU L 327, tas-26.11.1976, p. 6.
([8]) ĠU L 277, tad-29.10.1977, p. 2.
([9]) ĠU L 106, tad-29.4.1977, p. 27.
([10]) ĠU L 125, tat-13.5.1978, p. 32.

Artikolu 4

Permezz ta' deroga mir-Regolamenti Nru 136/66/KEE u Nru 162/66/KEE, l-imposti fuq l-importazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa jistgħu, matul il-perjodu li permezz tiegħu hi estiża s-sena tal-*marketing* 1977/78, ikunu ffissati skond ir-Regolamenti (KEE) Nru 2843/76 u (KEE) Nru 2844/76.

Artikolu 5

1. L-Artikolu 2a (2) (g) tar-Regolament (KEE) Nru 878/77 huwa mibdul b'dan li ġej:

"(g) ħlief kif indikat taħt (h) u (i), għall-prodotti l-oħrajn s-sena tal-*marketing* li ma tkunx bdiet fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, mill-bidu tas-sena tal-*marketing* 1978/79;".

2. Il-punt li jmiss huwa miżjud ma' l-Artikolu 2a (2) tar-Regolament imsemmi hawn fuq:

"(i) għaż-żejt taż-żebbuġa, mill-1 ta' Novembru 1978".

Artikolu 6

Dan ir-Regolament se jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-ġurnal uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-31 ta' Ottubru 1978.

Għall-Kunsill

Il-President

J. ERTL